



Dokument ta' sessjoni

B9-0391/2022

12.9.2022

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-konsegwenzi tan-nixfiet, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra: żieda tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra it-tibdil fil-klima (2022/2829(RSP))

Tiemo Wölken, Clara Aguilera
f'isem il-Grupp S&D

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-konsegwenzi tan-nixfiet, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra: żieda tal-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra it-tibdil fil-klima (2022/2829(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali¹,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Jannar 2020 dwar l-istess suġġett²,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")³,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380), u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-istess suġġett⁴,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020)0381), u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar l-istess suġġett⁵,
- wara li l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), u b'mod partikolari l-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 tagħha, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016,
- wara li kkunsidra l-Patt Klimatiku ta' Glasgow fl-ambitu tal-UNFCCC, adottat fit-13 ta' Novembru 2021,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 1993, u l-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bijodiversità (COP15) li se ssir f'Montreal mill-5 sas-17 ta' Diċembru 2022,
- wara li kkunsidra r-rapporti ta' valutazzjoni u r-rapporti speċjali tal-Grupp

¹ ĠU C 232, 16.6.2021, p. 28.

² ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.

³ ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

⁴ ĠU C 67, 8.2.2022, p. 25.

⁵ ĠU C 184, 5.5.2022, p. 2.

Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC),

- wara li kkunsidra r-rapport ta' valutazzjoni globali tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (IPBES) ta' Mejju 2019 dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima⁶,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2020 dwar is-Sena Ewropea tal-Bliet Aktar Ekoloġiċi 2022⁷,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Novembru 2021 intitolata "Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030: Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima" (COM(2021)0699) u r-risoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2021 dwar il-protezzjoni tal-ħamrija⁸,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar is-segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Right2Water"⁹,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar l-indirizzar tal-isfida tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfa fl-Unjoni Ewropea¹⁰,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-4 ta' Settembru 2003 dwar l-effetti tal-mewġa ta' sħana tas-sajf¹¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, skont l-IPCC, huwa ċar li l-kriżi tal-klima tagħmel l-eventi meteoroloġiċi estremi, bħal għargħar, maltempati u mewġiet ta' sħana, aktar frekwenti u aktar intensi; billi dan ifisser li x-xita u l-maltempati qed isiru aktar qliel, il-mewġiet ta' sħana qed isiru aktar sħan u n-nixfiet qed isiru itwal u aktar gravi;
- B. billi l-aħħar aġġornament tal-indikatur ikkombinat tan-nixfa (CDI) jindika li 47 % tal-Ewropa tinsab f'kundizzjonijiet allarmanti u 17 % f'kundizzjonijiet ta' allerta;
- C. billi l-Osservatorju Ewropew tan-Nixfa (EDO) osserva li, kumulattivament, 64 % tal-Ewropa għadha tinsab f'sitwazzjoni allarmanti jew fi stat ta' allerta u li ż-żoni friskju qegħdin jitwessgħu, u dan ipoġġi liż-żoni agrikoli Ewropej f'kundizzjonijiet ta' stress mingħajr preċedent; billi, fl-istess ħin, l-istress idriku u l-istress termiku għamlu konsiderevolment agħar il-prospettivi negattivi preċedenti għar-rendimenti għall-għelejjel sajfin, kif jirrapporta l-Bullettin MARS (Monitoring Agricultural Resources) taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) ta' Awwissu 2022, billi fis-settur agrikolu, l-EDO

⁶ ĠU C 445, 29.10.2021, p. 156.

⁷ ĠU C 385, 22.9.2021, p. 167.

⁸ ĠU C 506, 15.12.2021, p. 38.

⁹ ĠU C 316, 22.9.2017, p. 99.

¹⁰ ĠU C 9E, 15.1.2010, p. 33.

¹¹ ĠU C 76E, 25.3.2004, p. 382.

osserva li t-tbassir tar-rendiment għall-qamħirrum, il-fażola tas-sojja u l-ġirasol fil-livell tal-UE huma rispettivament, skont ir-rapporti, 16 %, 15 % u 12 % taħt il-medja fuq ħames snin; billi għall-għelejjel xitwin bħall-qamħ u x-xgħir, ir-rendimenti f'ċerti reġjuni wrew tnaqqis sa 30 %; billi l-EDO osserva wkoll li n-nuqqas gravi ta' xita laqat kważi x-xmajjar kollha fl-Ewropa kollha, u dan affettwa s-settur tal-enerġija fossili, nukleari u idroelettrika, kif ukoll it-trasport fuq ix-xmajjar, filwaqt li diversi Stati Membri ħadu miżuri biex jillimitaw l-użu tal-ilma, peress li l-provvisti għad jistgħu jiġu kompromessi fil-ġimgħat li ġejjin;

- D. billi n-nixfa tqiegħed fil-periklu l-provvisti tal-elettriku Ewropej minn sorsi fossili, nukleari u idroelettriċi;
- E. billi l-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima jwissi li r-reġjun tal-Mediterran huwa partikolarment sensittiv għall-effetti tat-tibdil fil-klima u li żoni vasti se jkunu partikolarment vulnerabbli mhux biss għat-tnaqqis tar-riżorsi tal-ilma iżda wkoll għall-varjabbiltà tagħhom;
- F. billi fl-Ewropa tan-Nofsinhar, minħabba żieda fit-temperatura mkejla ta' 2 °C biss, aktar minn terz tal-popolazzjoni se jġarrab problemi ta' skarsezza tal-ilma u li, jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni, ix-xenarju futur se jkun wieħed ta' disponibbiltà baxxa ta' ilma, aktar għargħar u aktar nixfiet;
- G. billi s-sitwazzjonijiet ta' sħana estrema, in-nirien u n-nixfiet jistgħu jkollhom implikazzjonijiet għall-konservazzjoni tal-ambjent naturali u tal-bijodiversità, partikolarment fiż-żoni tal-foresti, il-preservazzjoni u r-riabilitazzjoni tal-ambjent naturali u tal-bijodiversità u ż-żamma ta' ekosistemi reżiljenti fi stat tajjeb ta' konservazzjoni għandhom rwol fundamentali x'jiżvolġu fit-tnaqqis tar-riskji u tal-impatti negattivi assoċjati ma' dawn l-eventi estremi;
- H. billi bejn l-1 ta' Ġunju u l-31 ta' Awwissu ta' din is-sena, in-nirien fil-foresti kkawżaw madwar 6,4 megatunnellati ta' emissjonijiet ta' karbonju fl-Ewropa, livelli li ma kinux irreġistrati mis-sajf tal-2007 skont is-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Atmosfera ta' Copernicus (CAMS) tal-UE; billi ċ-ċifra hija bbażata fuq l-osservazzjonijiet satellitari ta' nirien attivi fil-foresti u fuq data maqbuda minn sensuri mill-bogħod użata biex tiġi stmata l-kwantità ta' bijomassa maħruqa u b'hekk l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa ġejjin mid-duħħan;
- I. billi fis-sajf tal-2022, Franza u Spanja t-tnejn irreġistraw l-ogħla emissjonijiet ta' karbonju mis-sajf tal-2003 u billi n-nirien fil-foresti fi Franza qerdu aktar minn 62 000 ettaru bejn il-bidu tas-sena u t-3 ta' Settembru, sitt darbiet il-medja fuq sena sħiħa għall-perjodu 2006-2021, skont il-CAMS;
- J. billi, skont l-istimi, anki n-nirien fil-foresti bejn Ġunju u Awwissu 2022 emettew 6 600 tunnellata karbonju iswed, 940 000 tunnellata monossidu tal-karbonju u 31 000 tunnellata ossidi tan-nitroġenu;
- 1. Jesprimi l-aktar kondoljanzi u solidarjetà profondi lill-familji ta' dawk li tilfu ħajjithom u lill-abitanti taż-żoni devastati, fosthom ħafna anzjani li jgħixu f'żoni rurali żvantaġġati, u jfaħħar id-dedikazzjoni tal-pumpieri volontarji u full-time u taċ-ċittadini li ġġieldu bla heda kontra n-nirien u s-sħana, spiss jissugraw ħajjithom;

2. Jistieden lis-servizzi soċjali, mediċi u ta' emerġenza tad-diversi Stati Membri jevalwaw it-tip ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni u ta' emerġenza li għandhom jittieħdu fi kwalunkwe sitwazzjoni klimatika simili li tista' sseħħ fil-ġejjieni;
3. Iwissi li l-mewġiet ta' sħana indotti mit-tibdil fil-klima huma "qattiela siekta" fl-Ewropa kollha; jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jlestu pjanijiet ta' azzjoni għall-emerġenzi sanitarji marbuta mas-sħana u jtejbu l-ippjanar urban biex jaffrontaw il-frekwenza oġhla tal-mewġiet ta' sħana u tal-eventi meteoroloġiċi anomali;
4. Jišhaq fuq il-fatt li l-persuni vulnerabbli u l-familji b'introjtu baxx huma partikolarment f'riskju li jġarrbu l-eventi meteoroloġiċi estremi indotti mit-tibdil fil-klima u għandhom bżonn appoġġ biex jadattaw ruħhom għat-tibdil fil-klima;
5. Jiġbed l-attenzjoni għall-impatti tan-nirien fil-foresti u tat-tniġġis tal-arja assoċjat fuq is-saħħa u jesprimi tħassib għat-tbassir tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija skont liema dawn il-fenomeni mistennijin jiżdiedu, anke f'xenarju ta' livell baxx ta' emissjonijiet¹²; josserva li, bit-tiħin tal-pjaneta, mistennijin jiżdiedu n-nirien fil-foresti u t-tniġġis tal-arja assoċjat, anke f'xenarju ta' livell baxx ta' emissjonijiet u jinnota, barra mill-effetti għal saħħet il-bniedem, li dan se jħalli impatt anke fuq l-ekosistemi, peress li s-sustanzi li jniġġsu fl-arja jiddepożitaw ruħhom mill-atmosfera għal fuq wiċċ l-art; jirrikonoxxi, barra minn hekk, li n-nirien fil-foresti għandhom impatt gravi fuq is-saħħa tal-ekosistemi, peress li s-sustanzi li jniġġsu fl-arja jiddepożitaw ruħhom mill-atmosfera; jirrimarka dwar kif il-kriżi klimatika għandha impatt fuq il-bijodiversità u t-tnaqqis tar-reżiljenza tal-ekosistemi u l-impatti konsegwenti fuq is-saħħa pubblika, u għalhekk jinsisti fuq l-importanza ta' approċċ "Saħħa Waħda";
6. Josserva l-mod kif il-kriżi klimatika taggrava l-inugwaljanzi eżistenti; jenfasizza li l-familji b'introjtu baxx u l-persuni vulnerabbli jintlaqtu partikolarment mill-kriżi klimatika u għandhom bżonn appoġġ partikolari biex jadattaw ruħhom għat-tibdil fil-klima; jilqa' favorevolment il-politiki soċjali fl-Istati Membri kollha li jiproteġu lill-ħaddiema mill-effetti negattivi tal-kriżi klimatika fuq il-post tax-xogħol u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jintegraw l-adattament għat-tibdil fil-klima fil-politiki okkupazzjonali u soċjali tagħhom;
7. Jissottolinja li l-prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jrid jitwettag permezz ta' miżuri leġiżlattivi u finanzjarji li jiggwarantixxu lil kulħadd l-aċċess għall-ilma, għas-servizzi tas-sanità, għall-enerġija nadifa u għat-trasport ekoloġiku ta' kwalità tajba u bi prezzijiet aċċessibbli; jišhaq fuq il-fatt li, fid-dawl tal-effetti klimatiċi li jżidu l-frekwenza, l-intensità u t-tul ta' żmien tal-mewġiet ta' sħana, tan-nixfa, tan-nirien u ta' fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra, l-UE għandha tadotta qafas politiku b'miżuri għal mekkaniżmu soċjali ta' kumpens għall-klima, li jista' jiġi ffinanzjat minn Fond Soċjali għall-Klima aktar ambizzjuż, inkluża l-protezzjoni tal-bijodiversità, taż-żoni ħodor u tar-riżorsi tal-ilma fil-komunitajiet żvantaġġati;
8. Jistieden lill-Istati Membri jqisu l-impatt tar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol,

¹² Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija, "WMO Air Quality and Climate Bulletin highlights impacts of wildfires", 7 ta' Settembru 2022, <https://public.wmo.int/en/media/press-release/wmo-air-quality-and-climate-bulletin-highlights-impact-of-wildfires>

tal-mard okkupazzjonali u tar-riskji marbuta mat-tibdil fil-klima, bħall-mewġiet ta' sħana, in-nixfiet u n-nirien fil-foresti, fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, b'mod partikolari fis-settur tal-bini, fis-settur agrikolu u fis-settur tas-servizzi pubbliċi, u jindirizzaw l-impatt tal-kriżi attwali u futura, inkluż it-tibdil fil-klima, fuq is-suq tax-xogħol, billi jappoġġaw lill-ħaddiema temporanjament "qiegħda għal raġunijiet tekniċi" għaliex min iħaddem huwa mġiegħel jissospendi l-produzzjoni jew is-servizzi tiegħu, kif ukoll billi jappoġġaw lil min jaħdem għal rasu u lill-impriżi ż-żgħar biex ma jibagħtux lill-persunal u jżommu l-attivitajiet tagħhom;

9. Jissottolinja li d-defiċit gravi ta' xita u t-tnaqqis konsegwenti tal-livelli tax-xmajjar għandhom impatt negattiv fuq il-produzzjoni ta' enerġija idroelettrika u fuq is-sistemi ta' tkessiħ tal-impjanti tal-enerġija fossili u nukleari; jenfasizza l-ħtieġa, għalhekk, ta' bidla aktar rapida lejn enerġiji sostenibbli u rinnovabbli bbażati fuq ir-riħ u x-xemx sabiex is-sistema tal-elettriku tagħna ssir aktar indipendenti mill-kundizzjonijiet meteoroloġiċi estremi u mill-impatti tat-tibdil fil-klima;
10. Jenfasizza li ekosistemi naturali f'saħħithom huma aktar reżiljenti għall-eventi meteoroloġiċi estremi; jitlob, għalhekk, li l-forestrija eqreb in-natura ssir in-norma fl-UE u jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni għal Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura u r-Regolament dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi, li għandhom jiġu adottati malajr kemm jista' jkun; josserva li jista' jsir aktar użu mill-Politika Agrikola Komuni (PAK) biex jiġu appoġġati l-bdiewa li jaqilbu għal metodi ta' biedja ekoloġika u biex jittejjbu l-ħamrija, l-ilma, l-arja u l-ekosistemi;
11. Jissottolinja s-sitwazzjoni drammatika tal-emerġenza klimatika u ambjentali li għaddejja u jitlob l-oġhla ambizzjoni għal dak li għandu x'jaqsam mal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" bil-għan li jinkiseb it-tnaqqis ta' mill-inqas 55 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra sal-2030 meta mqabbel mal-livelli tal-1990, kif rikjest mil-Liġi Ewropa dwar il-Klima, peress li t-tibdil fil-klima u t-tiħin konsegwenti tal-pjaneta jżidu l-probabbiltà ta' nixfa u mewġiet ta' sħana u fenomeni meteoroloġiċi estremi oħra; jišhaq fuq il-fatt li l-kriżi attwali mhijiex dovuta esklużivament għall-iskarsezza ta' ilma fil-ħamrija, iżda hija wkoll aggravata mit-tibdil fil-klima u mill-impatti tiegħu;
12. Jinnota li l-injam mejjet huwa parti minn foresti f'saħħithom u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u ma jikkostitwix awtomatikament periklu ta' nirien fil-postijiet kollha;
13. Jappella għal politika ta' rifeŕrestazzjoni għaż-żoni milquta min-nixfa, ibbażata fuq ir-rispett tall-karatteristiċi bijoklimatiċi u ambjentali tagħhom, u jittama li tingħata importanza kbira lir-riabilitazzjoni tal-pajsaġġ rurali lokali speċifiku;
14. Jikkundanna bil-qawwa l-azzjonijiet kriminali tal-persuni responsabbli li qabdu deliberatament ċerti nirien u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu kull sforz possibbli biex jiggerantixxu li jittellgħu quddiem il-ġustizzja;
15. Jinterpreta l-kundizzjonijiet estremi tat-temp reċenti bħala evidenza ulterjuri tal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u jissottolinja li dawn il-kundizzjonijiet estremi tat-temp huma sinjal ieħor tal-ħtieġa għal azzjoni dinjija ambizzjuża biex jitwaqqaf it-tibdil fil-klima; iqis li l-UE għandu jkollha rwol ewlieni f'dan il-proċess u tirdoppja l-isforzi tagħha fl-oqsma ewlenin tal-ambjent, l-enerġija, it-trasport u l-agrikoltura;

16. Ifakkar li n-nixfa ilha taffettwa ħażin lil xi reġjuni Ewropej għal ħafna xhur, u saret aktar intensa u qed taffettwa żoni usa' sa mill-bidu ta' din is-sena, b'ħafna riżervi jew sorsi tal-ilma eżawriti sa mix-xahar ta' Frar;
17. Josserva li f'Awwissu, is-sitwazzjoni tan-nixfa f'ħafna reġjuni tal-Ewropa baqgħet severa, aggravata minn stress mis-sħana flimkien ma' nuqqas ta' xita matul ħafna xhur, u li l-esperti tal-JRC indikaw li n-nixfa attwali tidher li hija l-aġħar f'mill-inqas 500 sena;
18. Jieħu nota tal-valutazzjoni aġġornata tas-sitwazzjoni tan-nixfa tal-Ewropa bbażata fuq analiżijiet mill-EDO¹³, ippubblikata fit-22 ta' Awwissu 2022 bl-użu ta' data mis-CEMS, li nnotat li 47 % tal-UE kienet għadha taħt kundizzjonijiet ta' twissija, li jfisser li l-preċipitazzjoni kienet inqas mis-soltu u l-indewwa tal-ħamrija kienet f'defiċit, u 17 % tal-UE baqgħet fuq twissija, bil-veġetazzjoni u l-għelejjel juru l-effetti negattivi tan-nixfa;
19. Jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikkontribwixxi għal effett ta' tkessiħ ġenerali billi tistabbilixxi pjattaforma tal-UE għall-ekoloġizzazzjoni urbana; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi miri ambizzjużi u vinkolanti speċifiċi għall-bijodiversità urbana, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, l-approċċi bbażati fuq l-ekosistema u l-infrastruttura ekoloġika, li huma ta' benefiċċju kemm għall-bnedmin kif ukoll għall-organiżmi selvaġġi u jikkontribwixxu għall-miri globali tal-bijodiversità; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu inklużi miżuri bħal sehem minimu ta' soqfa ekoloġiċi fuq binjiet ġodda, l-appoġġ għall-biedja urbana, inkluż l-użu ta' siġar produttivi, fejn xieraq, filwaqt li jiġi żgurati li ma tintuża l-ebda pestiċida kimika u jitnaqqas l-użu tal-fertilizzanti fiż-żoni ekoloġiċi urbani tal-UE, u ż-żieda fl-għadd ta' spazji ekoloġiċi skont l-għadd ta' abitanti, filwaqt li jiġu indirizzati wkoll l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-ispazji ekoloġiċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, barra minn hekk, jestendu l-kuritur ekoloġiċi terrestri u marini fiż-żoni urbani, inkluż billi jiżviluppaw Network Trans-Ewropew għall-Infrastruttura Ekoloġika (TEN-G) marbut ma' Network Trans-Ewropew tan-Natura (TEN-N);
20. Jitlob obbligu għall-bliet b'mill-inqas 20 000 abitant biex iħejju pjanijiet ta' ekoloġizzazzjoni urbana bħala approċċ tal-viċinat biex jinħolqu foresti urbani bijodiversi u aċċessibbli inklużi siġar tal-frott, parks, ġonna, azjendi agrikoli urbani, soqfa u ħitan ekoloġiċi, mogħdijiet tal-ilma, l-inklużjoni ta' speċijiet ta' pjanti awtoktoni u toroq bis-siġar ibbażati fuq l-impatt pożittiv ta' tali miżuri ta' tkessiħ fuq il-mikroklima u s-saħħa urbani, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli; jappella, barra minn hekk, għar-rinnovazzjoni kollha meħtieġa tal-ispazji pubbliċi bl-għan li jiżdied l-iffrankar tal-enerġija;
21. Josserva bi tħassib żidiet fil-ħruq tal-bijomassa tal-injam primarja għall-enerġija u jitlob kriterji ta' sostenibbiltà tal-bijomassa aktar ambizzjużi, l-implimentazzjoni tal-prinċipju kaskata u sforzi akbar lejn inqas monokultura u foresti aktar bijodiversi u reżiljenti fl-Ewropa;
22. Jinsab imħasseb dwar ir-riskju ta' formazzjoni pirokumulunimbus minn nirien fil-foresti u l-impatt negattiv fuq l-istratosfera u s-saff tal-ożonu; jitlob, għalhekk, li n-nirien

¹³ https://edo.jrc.ec.europa.eu/documents/news/GDO-EDODroughtNews202208_Europe.pdf

intenzjonati u l-ħruq tas-siġar fil-foresti jitnaqqsu kemm jista' jkun;

23. Jitlob miżuri li jiżguraw id-disponibbiltà u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u s-sanità għal kulħadd, kif ukoll il-konservazzjoni u l-manutenzjoni tal-ekosistemi akkwatiċi u terrestri assoċjati;
24. Jitlob li l-miżuri meħtieġa, kemm dawk strutturali kif ukoll dawk relatati mal-ġestjoni, jiġu inklużi fl-ippjanar tal-ilma sabiex jiġu aġġustati d-domandi tal-ilma għar-riżorsi tal-ilma u għar-reqwiżiti ambjentali tal-korpi tal-ilma, filwaqt li jitqiesu l-effetti tat-tibdil fil-klima u tingħata prijorità lill-konsum mill-bniedem;
25. Jitlob li l-pjanijiet ta' ġestjoni tan-nixfa jitfasslu abbażi ta' sistema ta' indikaturi li jqisu l-effetti tat-tibdil fil-klima, jiddefinixxu b'mod oġġettiv kull sitwazzjoni fir-rigward tal-problemi possibbli biex jiġu ssodisfati t-talbiet u jistabbilixxu awtomatikament il-miżuri ta' ġestjoni li għandhom jittieħdu f'kull stadju;
26. Jitlob li l-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' għargħar jitfasslu abbażi ta' mapep tal-perikli u r-riskji, inklużi programmi ta' miżuri li jqisu l-effetti tat-tibdil fil-klima;
27. Jitlob li jiġu promossi miżuri oħra biex jiġu indirizzati aħjar il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, bħar-restawr tal-korpi tal-ilma, l-immodernizzar tas-sistemi tal-irrigazzjoni u jsiru aktar effiċjenti, iż-żieda fis-sigurtà tal-ilma, il-promozzjoni tal-iffrankar tar-riżorsi, l-użu ta' sorsi mhux konvenzjonali u d-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-ilma sabiex jittejjeb l-għarfien u b'hekk jiġi żgurat użu aktar effiċjenti tal-ilma;
28. Jitlob li l-inizjattivi u l-azzjonijiet kollha relatati mal-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tan-nixfiet, il-mewġiet ta' sħana u l-impatti tagħhom jintegraw bis-sħiħ il-kunsiderazzjoni tal-ambjent naturali, b'mod partikolari l-foresti, u l-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema;
29. Jirrakkomanda li l-ġestjoni tat-territorji naturali u rurali tkun immirata lejn is-sostenibbiltà u r-reżiljenza, b'mod partikolari għan-nirien fil-foresti; jitlob, barra minn hekk, li jissaħħu l-politiki li jappoġġaw il-ġestjoni ambjentali u t-trażżin tad-depopolazzjoni, speċjalment l-abbandun tal-art agrikola u l-użu tradizzjonali tal-art (għelejjel mitmugħa bix-xita, raġġa estensiv, forestrija, eċċ.), u li jithegħġeg u jiġi pprovdut investiment sostnut bi pjanijiet biex tingħata ħaġġa għda lill-ambjent rurali, tingħata spinta lill-bijoekonomija, jitħallsu s-servizzi ambjentali u jiġu restawrati l-ekosistemi u l-infrastruttura ekoloġika;
30. Jitlob li jitqies ir-riskju ta' nirien fil-foresti fl-ippjanar u l-ġestjoni tal-art, b'kunsiderazzjoni partikolari għar-rwol tal-interfaċċja urbana-forestrija fil-prevenzjoni u t-tħejjija għall-foresti jew għall-foresti rurali; jiffavorixxi l-promozzjoni tal-eteroġeneità spazjali fil-pajsaġġ bħala strateġija preventiva biex jiġu indirizzati n-nirien, li tista' tinkiseb billi jiġu promossi sistemi agrikoli sostenibbli u attivitajiet oħra bħall-pastoraliżmu, il-forestrija preventiva u l-biedja fil-muntanji;
31. Jitlob għal aktar riżorsi għall-ġestjoni integrata tal-kampanja u l-ambjent naturali u rurali u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, b'politika ta' prevenzjoni tan-nirien li tippermetti l-użu ta' nirien preventivi b'intensità baxxa u kkontrollati biex tinħaraq il-veġetazzjoni baxxa li tikber taħt is-siġar, li sservi biex tkebbes in-nirien fil-foresti;

jinnota li dan għandu jikkomplementa l-investment kontinwu u t-titjib tal-mezzi għat-tifi tan-nirien, b'mod partikolari fil-pajjiżi tal-Mediterran;

32. Jirrakkomanda li politiki settorjali oħra (l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, l-infrastruttura, l-ippjanar spazjali, it-turiżmu, l-impjiegi, eċċ.) ikunu aktar involuti fil-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fil-foresti, peress li din hija problema globali li teħtieġ reazzjonijiet minn atturi differenti u politiki pubbliċi li jkopru żona komuni;
33. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-foresti jiġu ppreservati, protetti, restawrati, imtejba u użati b'mod ordnat; jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi ppreservat ir-rwol soċjali importanti tal-foresti, kemm bħala sors ta' riżorsi naturali kif ukoll bħala l-fornituri tal-ġhajxien permezz ta' attivitajiet ekonomiċi u ta' servizzi ambjentali multipli, inklużi l-protezzjoni tal-ħamrija u ċ-ċiklu idroloġiku;
34. Jitlob li t-tagħmir ta' rispons għan-nirien fil-foresti jiġi adattat għal xenarji ġodda u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni tagħhom sabiex jittejbu s-sinerġiji u l-integrazzjoni tagħhom sabiex isiru operattivi;
35. Jirrikonoxxi l-vulnerabbiltà partikolari tal-pajjiżi Mediterranji u l-importanza li jintużaw mekkaniżmi u riżorsi speċifiċi biex jiġu indirizzati r-riskji u l-effetti ta' dawn l-avvenimenti estremi f'dawn it-territorji;
36. Ifakkar li t-titjib tal-bijodiversità, tas-servizzi tal-ekosistema u tal-infrastruttura ekoloġika fil-bliet, iż-żoni rurali u periurbani jtejjeb is-saħħa tal-bniedem; ifakkar li l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-inkorporazzjoni u l-integrazzjoni ulterjuri tal-bijodiversità flimkien mal-funzjonijiet tal-ekosistema fit-tfassil, fil-politika u fl-ippjanar urban jista' jkollhom rwol importanti fil-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima fil-bliet u jstieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu dawn il-prattiki;
37. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li kundizzjonijiet aktar sħan u aktar xotti mis-soltu għadhom mistennija li jseħħu fir-reġjun Ewro-Mediterranju sa Novembru 2022; jinnota li xi wħud mill-avvenimenti ta' preċipitazzjoni f'Awwissu u Settembru ġabu magħhom maltempati ta' ħsara, u kkawżaw aktar problemi għal diversi tipi ta' frott u pjantaġġuni, u li tista' tkun mistennija aktar ħsara bħal din;
38. Jinnota li n-nixfa, li qed tikkawża tnaqqis qawwi fir-rendimenti tal-għelejjel Ewropej, iżżid mas-sitwazzjoni diġà diffiċli li jiffaċċjaw il-bdiewa bħala riżultat tal-impatti tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, u li l-kombinament ta' dawn il-fatturi jfisser żieda ulterjuri fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli, li tikkontribwixxi għal żieda ta' 20 % fl-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur;
39. Jissottolinja l-ħtieġa, fid-dawl tal-avvenimenti klimatiċi estremi ta' dawn l-aħħar xhur, li jiġu implimentati aktar malajr l-istrateġiji mill-għalqa sal-platt u tal-bijodiversità sabiex tinkiseb aktar ambizzjoni għal settur agrikolu aktar ekoloġiku u aktar sostenibbli b'użu aktar sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma billi jiġu modernizzati s-sistemi ta' irrigazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-impatti klimatiċi ta' ċerti tipi ta' produzzjoni;
40. Jenfasizza li s'issa l-agrikoltura ġiet affettwata min-nixfa fil-modi li ġejjin:

- tnaqqis qawwi fil-livelli ta' xmajjar ewlenin, passaġġi tal-ilma oħra u fis-sorsi tal-ilma, kif ukoll żieda fis-salinità li mxiet 'il ġewwa minn estwarji tax-xmajjar, li jwassal għal nuqqas ta' ilma għall-agrikoltura kif ukoll għal użi oħra;
- nuqqas ġenerali ta' ilma tax-xorb għall-bhejjem u għalhekk l-annimali ma jkunux jistgħu jiżviluppaw u jikbru b'mod normali;
- volumi aktar baxxi ta' foraġġ li jinqatgħu fl-ewwel parti tas-sena minħabba nuqqas ta' xita u tkabbir żgħir ta' ħaxix jew l-ebda tkabbir ta' ħaxix għat-tieni qatgħat biex jingħalfu l-bhejjem fix-xhur tax-xitwa;
- theddid għall-vijabbiltà ta' ħafna azjendi agricoli minħabba din l-iskarsezza ta' merġħat u raġġa frisk minħabba nixfa, bil-foraġġ maħsud aktar kmieni fis-sena għall-użu fix-xitwa jiġi kkunsmat issa, u b'hekk prezzijiet għoljin b'mod projbittiv għall-għalf u prodotti tal-għalf alternattivi;
- rendimenti tal-għelejjel aktar baxxi jew aktar tard minħabba kundizzjonijiet niexfa inkluż fix-xhur li ġejjin jekk il-kundizzjonijiet tal-ħamrija jibqgħu niexfa fil-ħarifa, b'rendimenti medji stmati li huma aktar baxxi mis-sena ta' qabel u l-medja għall-aħħar ħames snin; dan it-tnaqqis huwa l-akbar f'żoni ta' ħsad tard affettwati mill-ogħla intensità tal-mewġa tas-šhana, li ma ppermettietx li l-qamħ jimla sew qrib iż-żmien tal-ħsad;
- għal xi reġjuni Ewropej huwa previst tnaqqis qawwi fir-rendimenti tal-frott, b'mod partikolari t-tuffieħ, il-lanġas u l-frott tal-għadma';
- abbandun tal-għelieqi u taż-żoni tal-produzzjoni għall-frott u l-ħxejjex friski fejn ma jkunx hemm biżżejjed ilma disponibbli, li jaffettwa b'mod kritiku t-tadam maħsub għall-ipproċessar industrijali, u b'mod partikolari l-produzzjoni tar-ross;
- tfixkil tad-dakkir tal-imsaġar taż-żebbuġ minħabba temperaturi għoljin fil-perjodu tal-fjoritura ta' Mejju, flimkien ma' ħsara oħra minħabba avvenimenti ta' xita qawwija;
- ħsad bikri ta' għelejjel ewlenin bħad-dwieli minħabba temperaturi għoljin u nuqqas ta' kwalità tal-għelejjel li jagħmlu ħsara lill-ilma, filwaqt li tiġi enfasizzata l-ħtieġa li l-metodi ta' ħidma jiġu adattati għal šhana estrema u ammont sostnut ta' xita baxxa;
- it-trobbija tan-naħal u l-produzzjoni tal-għasel affettwati ħażin minn fjoritura mqassra jew assenti ta' pjanti li jipproduċu l-għasel, minħabba nuqqas ta' xita u temperaturi għoljin fil-ħarifa u fix-xitwa, u nixfa f'xi każijiet, u xita irregolari u mhux uniformi f'xi reġjuni fir-rebbiegħa, bi šhana eċċessiva f'Mejju;
- telf ta' invertebrati fil-ħamrija tal-wiċċ minħabba n-nixfa, li jwassal għal kundizzjonijiet tal-ħamrija aġar għat-ħawwil futur;
- żieda fl-għadd ta' nirien li jeqirdu l-għelejjel u jikkompromettu l-kwalità tal-ħamrija fuq l-art agrkola;
- riskju ta' deżertifikazzjoni u degradazzjoni tal-ħamrija fl-UE kollha u b'mod partikolari fl-Istati Membri tal-Mediterran fejn sa 250 000 ettaru huma friskju ta' deżertifikazzjoni, b'impatt fuq għelejjel strateġikament importanti bħaċ-ċereali jew l-għelejjel taż-żrieragħ żejtnija bħall-ġirasol;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bis-ših l-impatti tas-sitwazzjoni kontinwa tan-

- nixfa fuq il-produzzjoni tal-ikel tal-UE fis-sena attwali, u fuq il-provvisti tal-ikel għall-popolazzjoni matul ix-xitwa li ġejja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, barra minn hekk, jikkunsidraw x'azzjoni ta' rimedju tista' tittieħed u x'appoġġ jista' jingħata biex jiġi żgurat li l-produtturi primarji tal-ikel li jsofru minn telf fil-produzzjoni minħabba ħsara kkawżata mis-sħana u min-nixfa jkunu jistgħu jergħu jibdew ċikli ġodda ta' produzzjoni għall-provvisti essenzjali tal-ikel mingħajr dewmien;
42. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli r-riċerka dwar il-veġetazzjoni tal-kopertura tal-ħamrija u t-tipi ta' għelejjel li huma adattati aħjar għal temperaturi għoljin, kif ukoll tintensifikaha;
 43. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika wkoll riżorsi finanzjarji biex tgħin lill-azjendi agrikoli, filwaqt li tikkompensa għat-telf li jirriżulta minn ħsara kkawżata min-nixfa jew avvenimenti oħra kkawżati mill-emerġenza klimatika, tinċentiva aktar reżiljenza għall-klima u sostenibbiltà u tiżgura li din il-kriżi ma tispiċċax bl-għeluq definittiv tal-azjendi agrikoli;
 44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri fit-tul għall-prevenzjoni u t-trattament tan-nixfa, inkluż għall-konservazzjoni tal-ilma, il-prevenzjoni tat-tnixxijiet, l-użu mill-ġdid ta' ilma mormi sikur, metodi ta' tisqija aktar effiċjenti, aktar użu ta' foraġġ li jittollera n-nixfa, għelejjel u varjetajiet għat-tipi kollha ta' produzzjoni, u metodi alternattivi oħra aktar effiċjenti fl-użu tal-ilma għall-produzzjoni tal-ikel, u biex jikkunsidraw l-impatt tal-importazzjonijiet tal-ikel prodotti b'mod mhux sostenibbli minn pajjiżi terzi;
 45. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-ħolqien ta' ħażniet ta' lqugħ ta' għalf u oġġetti tal-ikel strateġiċi bħala mezz wieħed biex jittaffew l-aspetti l-aktar dannużi tan-nixfa, inklużi varjazzjonijiet kbar fir-rendiment minn sena għal sena, u jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dan fil-livell internazzjonali billi ssegwi l-istabbiliment tal-ħżin tal-ikel bħala għodda waħda ta' stabbilizzazzjoni fid-dawl tal-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-agrikoltura u l-provvisti tal-ikel;
 46. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw li jestendu l-użu ta' skemi pubbliċi ta' assigurazzjoni għall-klima, u jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi skambji ta' Prattika tajba dwar din u miżuri oħra ta' mitigazzjoni;
 47. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibqgħu jirrieżaminaw il-pjanijiet strateġiċi tal-PAK sabiex jimplementaw ġestjoni effiċjenti fl-użu tal-ilma u strateġiji fit-tul għal titjib kontinwu fis-sostenibbiltà, il-ġestjoni tal-ilma, it-tisqija effiċjenti u użi oħra tal-ilma fl-agrikoltura fil-futur;
 48. Jinnota li xi Stati Membri huma aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu, bħall-pajjiżi Ewropej tan-Nofsinhar u tal-Mediterran, u li n-nixfa u fenomeni oħra tat-tibdil fil-klima għandhom mhux biss impatti ambjentali, iżda wkoll impatti soċjali, kulturali, ekonomiċi u politiċi, li jżidu r-riskju li jżiedu l-inugwaljanzi soċjali;
 49. Jesprimi l-fehma li l-indirizzar ta' tali emerġenza jirrikjedi aktar minn miżuri mmirati, u li jirrikjedi wkoll politika aktar konsolidata u ambizzjuża dwar il-klima u l-enerġija f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, li għandha tuża kemm miżuri ta' mitigazzjoni kif ukoll ta' adattament peress li l-impatti tat-tibdil fil-klima jsiru aktar frekwenti;

50. Huwa tal-fehma li biex tiġi indirizzata kriżi b'hal din, is-sistemi nazzjonali ta' monitoraġġ u ġestjoni tan-nixfa għandhom jiġu stabbiliti b'enfasi partikolari fuq il-prevenzjoni, li tippermetti tweġiba f'waqtha u xierqa għar-riskji tat-tibdil fil-klima; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mmonitorjati u antiċipati l-effetti tan-nixfa, bl-okkorrenza dejjem tiżdied ta' fenomeni ta' temperatura estrema li tagħmilha aktar meħtieġa li tiżdied u tiġi żgurata t-tnejjija għal sitwazzjonijiet ta' nixfa; iqis, barra minn hekk, li għandhom jiġu stabbiliti evalwazzjoni u ġestjoni tar-riskju, inkluża analiżi settur b'settur, u li tali sistemi għandhom ikunu konformi mal-istrateġija ta' adattament tal-UE u mal-istrateġiji nazzjonali ta' adattament, b'enfasi fuq it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u t-tnejjija għad-diżastri;
51. Jissottolinja li hija meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet ikkonċernati, bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, iżda wkoll bejn il-popolazzjonijiet lokali u s-soċjetà ċivili;
52. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ finanzjarju, ta' monitoraġġ u ta' ġestjoni biex jindirizzaw din l-emerġenza, jiġifieri billi jnaqqsu l-konsum tal-ilma mhux essenzjali filwaqt li jiżguraw disponibbiltà suffiċjenti tal-ilma għall-konsum mill-bniedem kif ukoll għat-tisqija suffiċjenti tal-għelejjel; jenfasizza li għandha tiġi promossa aktar effiċjenza fl-użu tal-ilma, filwaqt li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda skart u li jkun hemm biżżejjed ħżin tal-ilma għall-konsum u għas-sistemi agrikoli, inkluż permezz tal-finanzjament ta' programmi ta' riċerka u innovazzjoni u proġetti pilota li jippromwovu l-użu ta' teknoloġiji ġodda;
53. Jenfasizza li hija meħtieġa wkoll azzjoni koordinata fil-livell Ewropew fil-qasam tar-riċerka u l-monitoraġġ, bejn entitajiet diġà eżistenti b'hal-Osservatorju Ewropew tan-Nixfa, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, is-Servizz ta' Ġestjoni ta' Emerġenzi ta' Copernicus u partijiet ikkonċernati xierqa oħra; jenfasizza li fil-qasam tal-finanzjament, għandu jiġi identifikat appoġġ finanzjarju xieraq fil-kuntest tal-PAK, il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u fondi reġjonali oħra;
54. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.